MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 623/2001/1

**Roderick Muscat**

**vs**

**Alisa Stevanovic**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess illi izzewweg lill-konvenuta fit-23 ta’ Marzu, 1997, u kif jindika c-Certifikat taz-Zwieg anness bhala Dok “A” l-attur u l-konvenuta zzewgu ta’ eta’ zghira u illi l-kunsens ta’ l-attur inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza’ (**artikolu 19 (1) (a) Kap 255**); u illi l-kunsens ta’ l-attur inkiseb b’qerq dwar kwalita’ tal-konvenuta li fixklet serjament il-hajja mizzewga (**artikolu 19 (1) (c) Kap 255**); u illi l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja

mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, **(artikolu 19 (1) (f) Kap 255)**; u illi l-konvenuta ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg (**artikolu 19 (1) (h) Kap 255)**;

Illi ghalhekk l-istess attur talab ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti;

1) Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta huwa null *ai termini* **tal-artikolu 19 (1) (a) (c) (f) (h) Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngjunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti a fol. 4 u 5 tal-process.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Stevanovic Alisa fejn eccepiet:-

1. Illi l-eccepjenti ma hijiex kompetenti biex titkellem bil-Malti, la taqrah, la tiktbu u lanqas kapaci tikkomunikah, u ghaldaqstant l-Avvizz ghas-Smigh ta' Kawza u c-Citazzjoni li rceviet gew ritornati lura fir-Registru ta' din l-Wisq Onorabbli Qorti biex l-attur zewgha, li minnu hija legalment mifruda permezz ta' Separazzjoni Bonarja, ikun jista' jirregola ruhu skond il-Ligi f'dan ir-rigward.

2. Illi l-kopja tac-Citazzjoni li l-istess eccepjenti giet erroneament notifikata biha hija nulla billi fl-ebda parti minnha ma jirrizulta ndirizz li fih jista' jigi notifikat l-attur b'din in-nota ta' eccezzjonijiet u bil-kontro-talba ta' l-istess konvenuta eccepjenti.

3. Illi l-konvenuta eccepjenti qeghda tirreferi ghaliha nnifisha b'dan il-mod biex tkun facilment identifikabbli u turi l-koperazzjoni ma' dina l-Wisq Onorabbli Qorti. Illi pero' legalment m'hijiex il-konvenuta ndikata mill-attur, billi

apparti li kunjomha huwa spellut hazin, fil-21 ta' Awissu, 2001, fl-atti tan-Nutar Pubbliku Malti Dr. Ruben Casingena, l-istess konvenuta eccepjenti giet mifruda legalment mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili permezz ta' Digriet opportun mill-Onorabbli Imhallef Joseph David Camilleri, permezz ta' Kuntratt ta' Separazzjoni Legali li gie debitament irregistrat ftit jiem wara fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

4. Illi ghaldaqstant bla dubju ta' xejn ic-Citazzjoni giet notifikata lil persuna legalment u odjernament ineziztenti, u kwindi l-konvenuta eccepjenti ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur;

5. Illi minghajr pregudizzju, biex il-konvenuta – eccepjenti tiehu kull prekawzjoni possibbli, hija kkonsultat ma' l-Avukat tal-fiducja taghha Dr. Claudine A. Galea u talbitha tfisser legalment fl-ilsien Malti l-pozizzjoni tal-konvenuta eccepjenti fattwalment u legalment, u wara li l-istess Dr. Claudine A. Galea fissret lill-konvenuta eccepjenti l-kontenut kollu ta' dan id-dokument, il-konvenuta eccepjenti ghazlet li tikkonfermah bil-gurament taghha.

6. Illi mela c-citazzjoni in linea preliminari hija nulla billi giet notifikata lill-persuna legalment inezistenti odjernament; fit-tieni lok f'ilsien li l-attur kien jaf ben tajjeb li mhux mifhum mill-konvenuta, apparti mill-fatt li l-istess konvenuta ma tafx tiktbu u wisq anqas titkellmu; u fit-tielet lok il-kopja tac-Citazzjoni notifikata lill-konvenuta ma fihiex hjiel ta' indirizz li fih l-attur seta' jigi notifikat, kif rikjest mill-Ligi.

7. Illi dana jfisser li l-konvenuta attwali, u cjoe' l-persuna li qed tiehu l-gurament odjernament ghandha tigi lliberta mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kollha, gudizzjarji u extra-gudizzjarji kontra l-istess attur.

8. Illi l-eccepjent tiehu dina l-opportunita' biex tirreferi ghar-rikors taghha, bid-dettalji kollha taghha,ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-Gimgha, 4 ta' Jannar

2002, u fejn irritornat lura l-kopja ta' l-avviz tas-smiegh u tac-citazzjoni lilha notifikati skond id-dettalji fir-rikors imsemmi, fl-ismijiet ta' l-okkju ta' dina c-citazzjoni odjerna.

- **<u>FIL-MERTU</u>:**

9. Illi, minghajr pregudizzju ghal dak kollu fuq espost, il-premessi kollha ta' l-attur f'dina c-Citazzjoni odjerna huma regettati bil-qawwa kollha, billi huma intizi biss biex jahbu fatt li l-attur ghandu relazzjoni ghaddejja ma' certu Claudia Falzon, li maghha huwa qieghed jikkoabita, u li l-istess attur qieghed taht pressjoni biex jizzewweg bir-rit nisrani lil din l-istess Claudia Falzon, u ghaldaqstant l-attur gie holoq dawn il-hames premessi li mhux biss huma kategorikament irregettati, imma huma wkoll respinti bhala legalment u fattwalment infondati.

10. Illi fir-rigward ta' l-unika talba attrici, dina ghandha tigi respinta bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt.

11. Illi l-konvenuta fic-cirkostanzi m'ghandha tbaghti ebda forma ta' spejjez, la dawk gudizzjarji u anqas dawk extra-gudizzjari li ghanhom jigu sopportati a bazi ta' dak indikat fis-seba' (7) eccezzjoni kif hawn fuq suesposti.

12. Illi pero' ghal kull buon fini, il-konvenuta qeghda tiehu l-prekawzjonijiet kollha u fic-cirkustanzi qeghda tissottometti l-kontro-talba taghha skond il-Ligi.

13. Illi l-konvenuta qeghda tirreferi wkoll ghad-dikjarazzjoni guramentata taghha u partikolarment ghall-affidavit taghha dettat fl-ilsien Ingliz u mmarkat bhala Dokument "SA1".

14. Illi, fl-ahharnett, l-eccepjent terga' tenfasizza illi hija ghandha fiducja pjena fil-Konsulent Legali taghha Dr. Claudine A. Galea, fis-sens illi hija ma tifhimx bil-Malti u kwindi qeghda toqghod fuq il-professjonalita' u l-intergrita' ta' l-imsemmija Dr. Claudine A. Galea ghall-kontenut ta' dana d-dokument fl-intier tieghu, u kwindi t-talba ta' l-eccepjenti biex l-attur jirregola ruhu f'dan il-kuntest apparti mill-eccezzjonijiet l-ohra *in linea preliminari* gja' sollevati.

15. Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta a fol. 25 sa 31 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku u d-dokument a fol. 31 sa 61 tal-process.

Rat il-**kontro-talba tal-konvenuta** fejn ippremetiet li:-

Illi l-konvenuta terga' tenfasizza l-fatt illi hija la tifhem bil-Malti, la titkellem dan l-ilsien, la tiktbu u lanqas ma tikkomunikah bl-ebda mod. Illi ghaldaqstant, il-konvenuta qeghda tibqa' tinsisti li hija jkollha kopja bl-ilsien Ingliz tac-Citazzjoni, ta' kwalsiasi Affidavits u depozizzjonijiet li jsiru fil-mori tal-kawza, u traduzzjoni fidila ta' kwalsiasi document li jista' jigi esebit, billi hija legalment u fid-dawl ta' dik li thenniet ghandha jedd ghal dan, biex hi tifhem dak kollu li jsehh f'dawna l-proceduri, u fejn l-istess konvenuta minkejja li accettat li tinfired legalment bonarjament, hija certa li ma jista' jkun hemm ebda bazi fattwali u legali ghala z-zwieg taghha ma' l-attur b'xi mod u manjiera jista' jkun null u annullabbli jew invalidu u ineffettiv.

Illi fir-rigward ta' l-atti li qeghda tipprezenta hija stess, hija giet imfissra mill-Konsulent Legali taghha, il-kontenut ta' dawn l-atti, bhan-nota ta' l-eccezzjonijiet, id-dikjarazzjoni guramentata, il-premessi u l-kontro-talbiet u l-atti kollha li pprezentat hija stess u qeghda tiddikjara li sa fejn gie lilha mfisser, hija mhux biss taqbel imma fehmet wkoll l-implikazzjonijiet fattwali u legali ta' dawna l-atti minnha pprezentanti u anke mahlufa.

Illi hija nghaqdet fiz-zwieg legalment validu u mhux annullabbli ma' l-attur skond kif imfisser fl-atti ta' din il-kawza, u cjoe' fir-Registru Pubbliku ta' Malta bir-rit Civili.

Illi ma seta' qatt kien hemm dubju dwar l-impenn u s-serjeta' da parti tal-konvenuta dwar il-maturita' taghha u l-gharfien ta' l-obbligi u drittijiet taghha ta' hajja mizzewga,

u li definittivament da parti taghha zgur li ma kienx hemm ebda qerq jew pressjoni fuq l-attur biex jizzewwigha, u aktar u aktar biex hi tirrinunzja ghac-cittadinanza Jugoslava taghha biex tiehu dik Maltija.

Illi mhux talli l-attur ma kienx pjenament konxu ta’ kemm kien validu z-zwieg tieghu mal-konvenuta, imma li anke wara li l-konvenuta saret Nisranija, qablu li l-konjugi Muscat kellhom jikkonfermaw li jsahhu z-zwieg taghhom bir-rit Nisrani. Illi dan il-fatt ma sehhx ghas-semplici raguni li l-konvenuta ntebhet li l-attur kien qieghed ikun mhux fidil lejha bir-relazzjoni li kien qed ikollu ma’ Claudia Falzon u anke meta ripetutivament beda jghid lill-konvenuta li huwa ma riedx tfal minnha, u allura l-konvenuta rragunat li toqghod biss fuq ix-zwieg Civili taghha biex ma tkunx hi stess li tikkumplika hajjitha aktar, biz-zieda tat-tishieh taz-zwieg taghha bir-rit Nisrani.

Illi ghaldaqstant ma huwa minnu xejn li k-kunsens ta’ l-attur inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza’, kif qieghed infondatament jallega l-attur fit-tieni premessa tieghu.

Illi ma huwa minnu xejn dak li qed jallega l-attur fit-tielet, fir-raba’ u fil-hames premessi tieghu, *ammeno che* l-attur ma riedx juri lil dina l-Onorabbli Qorti li huwa qara **artikolu 19(1) tal-KAP 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** u fejn deherlu li kien japplika ghalih qabad u holoq premessa ghal dan l-iskop.

Illi t-talba attrici ghandha tigi michuda peress illi l-mottiv ewlieni ghala l-attur ghamel din il-kawza huwa purament minhabba r-relazzjoni adultera w intima li ghandu ma’ Claudia Falzon u l-pressjoni li qed issir fuqu minn Claudia biex jinghaqad fiz-zwieg maghha u b’hekk giet ivvintat din l-istorja tal-kawza biex jigi annullat dan iz-zwieg validissimu ta’ bejn il-kontendenti konjugi Roderick Muscat u Alisa Stevanonvic.

Illi, ghaldaqstant, apparti milli t-talba attrici ghandha tigi respinta, bl-ispejjez kollha kontra l-attur, il-konvenuta hasset il-htiega li taghmel il-kontro-talba odjerna, propju

sabiex jekk lil dina l-Onorabbli Qorti jirrizultalha illi hemm ragunijiet legalment fondati biex dana z-zwieg jigi dikjarat null, invalidu w ineffettiv, dana zgur ma jkunx ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta kif anke mill-kontenut biss ta' dan id-dokument fl-intier tieghu apparti minn provi ohra li sejrin jitressqu, ma ghandu jkun hemm lanqas farka dubju li mhux biss l-intenzjonijiet tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg kienu perfettament retti, imma *oltre* li jekk kien hemm anke remotament xi forma ta' vjolenza jew xi forma ta' qerq jew xi forma ta' difett serju ta' diskrezzjoni jew xi nuqqas ta' xi seta' ntellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg, dawna zgur bl-ebda mod qatt ma jistghu jigu mputabbli ghall-konvenuta.

Illi jigi ghalhekk li d-dikjarazzjoni ta' l-attur mit-tieni paragrafu sad-disa' paragrafu hija wahda mimlija inezattezzi, b'mod u majiera li sahansitra tammonta ghal Gurament falz li l-konvenuta tixtieq din il-Qorti Civili biex tiehu passi adekwati kontra l-attur fuq dan l-aspett ukoll.

Illi ghalhekk l-konvenut talbet li din il-Qorti tordna li:-

(i) Il-konvenuta galadarba ma jisimhiex legalment kif indikat fil-korp tac-Citazzjoni, *se mai* ghandha tigi notifika mill-gdid bl-isem legalment korrett taghha wara s-Separazzjoni Legali tal-21 ta' Awissu 2001;

(ii) Il-proceduri kollha u dawk direttament jew indirettament konnessi maghhom ghandhom ikunu bl-ilsien Ingliz minhabba ragunijiet legalment fondati fir-rigward tal-konvenuta;

(iii) Iz-zwieg li sehh bejn il-konjugi Roderick Muscat u Alisa Stevanovic nhar it-23 ta` Marzu 1997, kien wiehed perfettament validu u certament m'huwiex null jew invalidu jew ineffettiv la skond il-Ligijiet ta' Malta, u lanqas skond ebda Ligi ohra ta' kwalsiasi pajjiz iehor;

(iv) Id-Dikjarazzjoni ta' l-attur guramentata mac-Citazzjoni tieghu kienet wahda deliberatament falza peress illi l-attur kien jaf ben tajjeb li mhux qed jahlef is-sewwa u li jigi ghalhekk li huwa ha gurament falz;

(v) L-attur ghandu jigi assoggettat ghall-pieni skond il-Ligijiet ta’ Malta ghat-tehid ta’ gurament falz, taht kwalsiasi provediment opportun li l-istess Qorti jidhirilha xieraq u gust li ghandha taghti u tordna;

(vi) It-talba ta’ l-attur ghandha tigi michuda bhala totalment infondata legalment u fattwalment, u bl-ispejjez kollha kontra tieghu, ossia kontra Roderick Muscat;

(vii) Jekk pero’ ghall-grazzja ta’ l-argument, dina l-Onorabbli Qorti issib xi wahda mill-premessi tal-konvenuta gustifikabbli fil-konfront ta’ xi premessa ta’ l-attur, l-annullabbilta’ taz-zwieg ghandha tkun attribwibbli esklussivament ghall-attur, bl-ispejjez kollha kontra l-attur;

(viii) Il-perjodu ta’ l-gherusija ta’ bejn il-partijiet kontendenti kien wiehed adekwat, a bazi tal-provi li jirrizultaw fil-mori ta’ din il-kawza;

(ix) Lanqas ma huwa remotament minnu illi l-konvenuta b’xi mod estrem setghet qatt tat xi mpressjoni jew iddeportat lilha innifisha b’xi mod li setghet indikat li hija kienet qeghda tizzewweg lill-attur biex tottjeni cittadinanza Maltija, cirkustanza li sehhet wara fuq insistenza ta’ l-istess attur u ghal ragunijiet li kienu konvenjenti ghall-attur;

(x) Ma huwa minnu xejn li l-konvenuta zzewget lill-attur biex tahrab mill-ambjent li kienet tghix fih (ir-raba’ paragrafu fid-dikjarazzjoni ta’ l-attur).

(xi) M’huwa minnu xejn izda sempliciment invenzjoni kapriccuza li l-kunsens ta’ l-attur inkiseb bi vjolenza, sew fizika, sew morali jew biza’;

(xii) M’huwa minnu xejn li l-kunsens ta’ l-attur inkiseb b’qerq dwar kwalita’ tal-konvenuta li fixkelt serjament il-hajja mizzewga tal-kontendenti;

(xiii) M’huwa minnu xejn li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat kif imfisser fis-seba’ paragrafu tad-Dikjarazzjoni ta’ l-attur;

(xiv) M’huwa minnu xejn li l-konvenuta kienet deficjenti kif imfisser f’paragrafu tmienja tad-dikjarazzjoni ta’ l-attur;

(xv) M’huwa minnu xejn li dan z-zwieg huwa null u bla effett skond kif imfisser fil-paragrafu disa’ tad-dikjarazzjoni ta’ l-attur;

(xvi) Fic-cirkustanzi l-konvenuta m’ghandhiex tbaghti ebda spejjez li ghandhom jigu kollha attribwiti lill-attur.

(xvii) Jekk dan iz-zwieg jinstab li huwa annullabbli, dan ghandu jkun ghal ragunijiet legali mputabbli biss lill-attur;

(xviii) Ghandhom jinghataw dawk il-provedimenti kollha opportuni li dina l-Qorti jidhrilha xieraq u gust illi taghti a bazi tal-kontro-talbiet tal-konvenuta kif hawn fuq suesposti.

Bl-ispejjez kollha gudizzjarji u extra-gudizzjarji kontra l-attur li minn issa ngunt in subizzjoni.

B’rizerva ghal kwalsiasi azzjoni legali spettanti lill-konvenuta ghal-likwidazzjoni tad-danni gia’ sofferti mill-konvenuta, li qeghda ssofri u/jew ghad tista’ ssofri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta a fol. 69 u 70.

Rat il-lista tax-xhieda a fol. 70 u 71.

Rat l-avviz tal-1 ta’ Frar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace.

Rat in-nota ta’ l-Eccezzjonijiet ta’ l-attur rikonvenut Roderick Muscat ghall-kontro-talba mressqa mill-konvenuta rikonvenjenti Alisa Muscat sive Muscat Stevanovic; fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament l-att ta' kontro-talba mressaq mill-konvenuta rikonvenjenti ghandu jigi mnehhi mill-inkartament u mbiddel b'iehor floku maghmul skond id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 159 ta' l-imsemmi Kap. 12, *stante* li dak odjern huwa mimli hwejjeg mhux mehtiega sabiex jigu mfissra l-allegati fatti sustanzjali fic-citazzjoni, u dan kollu *ai termini* ta' **subartikolu "2" ta' l-istess art. 159 ta' l-imsemmi Kap. 12;**

2. Illi preliminarjament ukoll, *inoltre* u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ewwel talba tal-konvenuta rikonvenjenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess konvenuta rikonvenjenti u dan ghar-raguni li fid-data tal-prezentata tal-att ta' citazzjoni tal-attur rikonvenut, l-isem tal-konvenuta rikonvenjenti kien appuntu dak indikat fl-isemmi att tac-citazzjoni;

3. Illi preliminarjament ukoll, *inoltre* u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tieni talba tal-konvenuta rikonvenjenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess konvenuta rikonvenjenti u dan ghar-raguni li l-attur rikonvenut ma kellu ebda obbligu jinnotifika lll-istess konvenuta rikonvenjenti b'traduzzjoni bl-Ingliz ghaliex semmai dan huwa kompitu tar-Registratur tal-Qrati u dan *ai termini* tal-artikolu 5 sub-artikolu 1 tal-Kap. 189 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta w *inoltre* u minghajr pregudizzju jidher car li l-istess konvenuta rikonvenjenti ma sofriet l-ebda pregudizzju;

4. Illi preliminarjament ukoll, *inoltre* u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-raba u l-hames talba tal-konvenuta rikonvenjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess konvenuta rikonvenjenti, u dan ghar-raguni li ma jinkwadrawx ruhhom fil-kompetenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili.

5. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari, it-talbiet tal-konvenuta rikonvenjenti ndikati fl-att ta' kontro-talbiet taghha bin-

numri (iii) sa (xviii) huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess konvenuta rikonvenjenti, u dan ghar-ragunijiet indikati fid-dikjarazzjoni tai-attur akkompanjanti l-att ta' citazzjoni tieghu, u wkoll kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

6. Illi fil-mertu ukoll, *inoltre* u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari, l-attur rikonvenut m'ghandu jbaghti l-ebda spejjez extra-gudizzjarji in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, u dan ghar-raguni li bl-agir taghha l-konvenuta rikonvenjenti rrendiet ruhha responsabbli ghal kull spiza li qed tinkorri;

7. Illi l-konvenuta rikonvenjenti ndikat lista ta' xhieda fuq tnax il-faccata, li meta wiehed jikkunsidra x-xhieda ndikati direttament (salv dawk li gew indikati darbtejn jew aktar) flimkien ma' dawk indikati generikament jistghu facilment jammontaw ghal madwar hamsa u ghoxrin elf ruh, bil-konsegwenza li jekk ma jigix regolat strettament il-mod ta' produzzjoni ta' dawn ix-xhieda *ai termini* ta' d-dispozizzjonijiet rilevanti ta' l-artikolu 202 ta' l-Kap 12 ta' l-Edizzjoni Riveduta ta' l-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ma tigix stabbilita b'mod konvincenti l-materjalita' ta' l-evidenza f`kull kaz, il-probabbilta' tkun li din il-kawza tibqa' ghaddejja ghal mijiet ta' snin;

8. Illi l-attur rikonvenut ma talabx f'dawn l-eccezzjonijiet preliminari l-isfilz ta' d-dikjarazzjoni attrici u partikolarment ta' l-lista kwazi nterminabbli ta' xhieda prezentata maghha, ghas-semplici raguni li ma hemmx dispozizzjoni appozita fil-ligi; jekk pero' ma jigix regolat strettament il-mod u l-manjera ta' l-produzzjoni tax-xhieda attrici, allura ser tigi stultifikata kompletament u rremedjabilment l-procedura li biha ghandha timxi kawza skond kif indikat fl-artikoli 195 u 196 ta' l-fuq imsemmi Kap. 12;

9. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

1. Rat id-dikjarazzjoni tal-attur rikonvenut Roderick Muscat a fol. 76 u 77 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda a fol. 78 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Mejju 2001 fejn inghata digriet affidavits partijiet ta’ 40 jum kull wiehed u nnominat lill-Assistant Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia sabiex jisma’ l-provi *viva voce* dwar il-kaz.

Rat l-affidavits ta’ Carmen Muscat, Anthony Muscat, Roderick Muscat, Olivia Muscat, u Etienne Cini esebiti b’nota attrici datata 10 ta’ Gunju 2002.

Rat ir-rikors tal-konvenuta datat 27 ta’ Gunju 2002 u d-digriet datat 13 ta’ Awissu 2002.

Rat l-affidavits ta’ Maria Annunziata Saliba, Smial Dedic, Emmanuel Tabone, Zoran Stevanovic, u Michael Zarb ipprezentati b’nota datata 12 ta’ Lulju 2002.

Rat l-affidavits ta’ Zorica Stevanovic u l-konvenuta u Azra Stevanovic esebiti b’nota tat-2 ta’ Settembru 2002.

Rat l-affidavits ta’ Adrian Azzopardi u Dzanela Cengic esebiti b’nota tal-24 ta’ Settembru 2002.

Rat is-seduti quddiem l-Assistant Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia datati 16 ta’ Lulju 2002 fejn xehed l-attur in kontro-ezami (fol. 156) u l-istess gara fit-2 ta’ Ottubru 2002, 14 ta’ Ottubru 2002, 22 ta’ Ottubru 2002 u 5 ta’ Dicembru 2002; is-seduta tad-29 ta’ Ottubru 2002 fejn sar il-kontro-ezami ta’ Carmen Muscat; is-seduta tad-9 ta’ Dicembru 2002 fejn sar il-kontro-ezami tal-konvenuta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Dicembru 2002.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Frar 2003 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-2 ta’ April 2003.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur datata 4 ta’ Marzu 2003.

Rat ir-rikors tal-konvenuta datat 20 ta’ Marzu 2003 fejn talbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u d-

digriet ta’ din il-Qorti fejn laqghet it-talba datat 20 ta’ Marzu 2003.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenuta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta’ April 2003 fejn il-Qorti ordnat lill-konvenuta sabiex tirregola ruhha dwar it-talbiet fil-kontro-talba taghha, u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Novembru 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi fl-ewwel din il-Qorti abbazi tad-dokumenti kollha esebiti mill-konvenuta kemm fic-citazzjoni u kemm fil-kontro-talba tordna korrezzjoni fl-okkju tal-kawza b’dan illi l-kliem *“Muscat sive Muscat”* jigu kkancellati u l-kunjom *“Stefanovic”* jigi sostwit ghal dak *“Stevanovic”* b’dan ghalhekk li l-isem tal-konvenuta jigi jaqra *“Alisa Stefanovic”*.

### (i) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-azzjoni attrici qed issir abbazi tal-**artikolu 19 (1) (a) (c) (f) u (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Illi l-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255** jipprovdi li hemm kaz ta’ annullament taz-zwieg:-

*“jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew bil-biza”*

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255** din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenzi **“Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg”** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta’ Ottubru 1999) u **“Nicolai Balzan vs Simone Cremona”** (Cit. Nru. 1019/98/RCP deciza fid-9 ta’ Marzu, 2000) diga kellha okkazzjoni tistudja dan is-sub-artikolu ghal dak l-aktar li jirrigwarda biza’ u ghalhekk din il-Qorti

taghmel riferenza ghall-istess sentenzi u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi kif inghad fil-kaz **"Carmelo sive Charles Saliba vs Mary Saliba"** ( P.A. (VDG) deciza fl-14 ta' Awissu, 1995):-

*"… … biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista` tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura rrezistibli, cjoe' trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens".*

Illi *inoltre* fis-sentenza **"Anna Magro apparentement mizzewga lil Victor Rizzo vs Victor Rizzo"** (P.A. (SBC) deciza fit-13 ta' Marzu 1984) saret espozizzjoni tal-kuncett ta' vjolenza u biza' f'din il-materja u gie affermat li sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li jinvalida:

*"trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti".*

Illi wkoll, fil-kaz **"Anthony Gatt vs Doreen Gatt"** (P.A. (F.D.) deciza fil-25 ta' Gunju 1993), l-espert tal-Qorti fisser li:

*"… il-vjolenza morali trid tkun ta' natura tali li tkun invincibbli u ma taghti ebda possibbilta` lil min ikun li jisfuggi minnha".*

Illi l-biza' tista' tkun ukoll "*reverenzjali"* bhal per ezempju l-biza' lejn genitur jew superjur. Fil-kaz **"Shirley Anne mart Abdul Fatah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et"** ( P.A. - 22 ta' Novembru,1982, ) il-Qorti spjegat:-

*"Il-biza' ta' nies li huma superjuri jew il-genituri tista' f'certi kazi tkun tali li taffetwa l-kunsens. B'dan mhux qed jigi ntiz, biza' fis-sens ta' suggizzjoni esagerata, imma trid tkun gravissima u ta' certa entita'. L-indinjazzjoni tal-genituri kbira kemm tkun kbira ma ghandhiex tigi konsiderata bhala gravi. Il-biza' li wiehed jitkecca mid-dar jew li jitlef xi wirt, jew li jsofri xi danni finanzjarji mhux*

*bizzejjed. Izda jekk ikun hemm theddid, glied spiss, u minacci serji u gravi, dawn jistghu jaffetwaw il-persuni b'biza' li taqa' taht l-***artikolu 19 (a)***."*

Illi ma hemmx dubju li l-biza' tista' tkun immedjata, ghaliex kreata minn persuna direttament fuq persuna ohra, jew medjanti sitwazzjoni li tikkawza certu biza' f'dak li jkun, u dan huwa kaz klassiku ta' kif biza' tista' tinholoq direttament *stante* li l-attrici kienet litteralment mhedda b'hajjitha u persunita jekk hija ma taccettax li tizzewweg lill-konvenut, ovvjament ghall-iskopijiet tieghu tant li kien biss dan it-theddid u biza' li wasslu lill-attrici tiehu dan il-pass ta' zwieg in verita' fazul.

Illi l-attur qed jibbaza wkoll l-azzjoni tieghu huwa fejn qed jallega li l-kunsens tieghu kien vizzjat minhabba qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixxkel serjament il-hajja mizzewga skond l-**artikolu 19 (1) (c).**

Illi l-legislatur Malti llimita l-qerq fuq *"xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".* Din il-kawzali giet ikkonsidrata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"John Borg vs Paula sive Polly Borg"** (P.A. (VDG) 22 ta' Mejju 1995 - Cit. Nru. 591/94VDG) fejn gie osservat li:-

*"kieku dak il-paragrafu 19(1)(c) gie formulat b'mod differenti, wiehed ikun jista' jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-art. 981 tal-Kodici Civili li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda, ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta' nullita' ta' zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il proprjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg.*

*The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality* **must be** *objectively grave and establishes the partneship of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, proeprties and ends of marriage. Therefore,*

*those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial”.* (***Viladrich P.J. Matrimonial Consent. Code of*** **Canon Law Annot. -** Caparros, E. et al. ed)1993, Wilson and Lafleur , Montreal).

Illi l-Qrati taghna dejjem sostnew li z-zwieg ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-kunsens taghha ghax tkun giet imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddiehor dwar xi kwalita tal-parti l-ohra (**“Fattah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et”** (P.A. 22 ta Novembru 1982). Skond il-gurisprudenza fuq citata, element importanti ta’ dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li fixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi min-naha l-ohra fl-**Artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:

**19 (1) (f)** *“jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg”*.

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **“Nicolai Balzan vs Simone Cremona”** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta’ Marzu 2000) u **“Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri”** (P.A. (RCP) 27 ta’ Frar 2001) u a skans ta’ ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **“Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe”** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta’ Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*“Fl-interpretazzjoni ta’ dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens”*.

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine*"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frasi *"eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazjoni totali jrid jigi ppruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine"*.** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A.14 ta' Awissu1995) il-Oorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **“Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et”,** (K. 1 ta’ Ottubru 1884 - Vol.X p.912) :-

*“a poter dedursi la invalidita dell’atto e’ necessario che risulti chiaro, che cio’ che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe’ fictio seu ostensio falsi pro vero”.*

Illi fil-kawza **“Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*”** (P.A. (RCP) 28 ta’ Mejju 2002) inghad li *“meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero’ bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe’, issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe’ saret simulazzjoni parzjali”.*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **“Al Chahid vs Mary Spiteri”** (P.A. (RCP) 5 ta’ Gunju 2002 inghad li *“wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta’ l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma’ xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg”.*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot l-kuncett ta’ *“l-eskluzjoni pozittiva ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga”*, u cjoe’ simulazzjoni parzjali, il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **“Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et”** (P.A. (NA) 14 ta’ Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*“kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita’ tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta’ u d-dritt ghall-*

*prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cioe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilta` tal-familja. Kif qalet din il-Qorti fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"consortium vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta' tal-familja".*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossolubbilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-Ligi Maltija tippresupponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indossolubbilta' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J. *Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns***, fii-kummentarju tieghu (**"Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary"**. pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubbilta') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract".*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **“Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard”** (P.A. (RCP) 15 ta’ Marzu 2000) u cjoe’:-

*“Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero’ fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe’ issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori iz-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe’ saret simulazzjoni parzjali”.*

Illi l-**artikolu 19 (1) (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** jinqara hekk kif gej:-

*(h) “jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg”.*

Illi dan l-artikolu jitkellem dwar persuna, li ghalkemm mhux interdetta jew marida, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg. Ghalhekk, apparti interdizzjoni jew mard mentali, dan l-artikolu jinkludi wkoll stat mentali temporanju li jaghmilha mpossibbli ghal persuna li jaghti kunsens validu. Ezempji ta’ dan hu jekk persuna tkun taht l-effett tax-xorb, tad-droga, jew ta’ dipressjoni.

Illi ***John R. Keating***, fil-ktieb tieghu **“The Bearing of Mental Impairment on the Validity of Marriage. An Analysis of Rotal Jurisprudence”** f’pagna 104 jaghti dan l-ezempju:-

*“Let us take the case of the man who has determined to marry a certain girl but to carry him through the ordeal, gets drunk and expresses consent in such a state. The*

*marriage, if it is null, is null not because of insufficient internal will, but because the act of manifestation was not a human act, a juridical act, an act capable of juridically signifying a virtually persevering internal will".*

Illi fl-ahharnett din il-Qorti tirreferi ghall-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** peress li jirrizulta li kien dan l-artikolu li gie kwotat fil-premessi attrici u ndikat erronjament mill-attur bhala sub-artikolu (f).

- **artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid:-

*"(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella-Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta' ***Viladrich:-***

*"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"*

(***Viladrich, P.J.,*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated."** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics" (**Viladrich, P.J.,** op.cit., pg. 687).*

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad ukoll li:-

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrizzjoni ta' gudizzju –* ***Art. 19 (1) (d)*** *– biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (**"Isabelle Zarb vs Stephen Attard"** – P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibilita' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu **(d)** ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun*

*taghmilha mpossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (**"Nicholas Agius vs Rita Agius gja' Caruana"** – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju1995 ).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *"discretio judicii"* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista ***Colagiovanni*** meta sostna li:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ……… richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che ……… si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita" (**Forum**, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).*

Illi pero`, kif gja' nghad fis-sentenza **"Rodianne Graham vs Maria Concetta Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Ottubru 2002), b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju id-dottrina u l-gurisprudenza *"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena"* ***(Pompedda, M.F.,*** **"Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski"** –

***Pompedda – Zagglia,* "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova, 1984), p. 46).

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju" (*ara, **"Emanuel Camilleri v. Carmen Camilleri"**, P.A., 10 ta' Novembru 1995).

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju (**"Selina-Maria Vella Haber vs Joseph Gatt"**, P.A., 15 ta' April 1996)".*

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19(1)(d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin vs Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar vs Kenneth Cassar",** P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima vs Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni irid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif inghad fis-sentenza **"Joseph Galea vs Dr. Claudine Galea et nomine"** (P.A. (RCP) 27 ta' Marzu 2003, kif jispjega ***Bersini***, d-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f' zewg elementi distinti izda konkorrenti w interdipendenti:-

*"La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)"* ***(Bersini, F.,*** **"Il Diritto Canonico Matrimoniale."** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

*"Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad*

*esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio"* (*ibid.* pp. 97-98).

Illi hawnhekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza, li kif johrog car mis-sentenza **"Ramzi Saad Gergis vs Nicholina Gergis"** (P.A. (RCP) 28 ta' Ottubru 2003, li ghaliha qed issir riferenza, l-ghazla libera, u l-kunsens hieles ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, u dan kif gja' gie ndikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li inghad li:-

*"… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola* a un comportamento

idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole" (***Pompedda, M.F.,*** **"Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233*).*

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibilita` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilita` vera f' dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *"di intendere e/o di volere". "L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale", jghid* ***Bersini****, "rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso"* (op. cit., *p. 99).*

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

*Illi dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the*

*contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics” (***Viladrich, P.J***.*, op. cit., p. 687).

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **“Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee’ Sultana”** (P.A. (VDG) 17 ta’ Novembru 2000 u **“Anna Galea vs John Walsh”,** (P.A. (VDG) tat-30 ta’ Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f’dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *“the community of life and love”.*

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **“Nathalie O’Toole vs Patrick O’Toole”** (P.A. (N.A.) 25 ta’ Marzu 2002) fejn inghad li:-

*“il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed “sui generis” u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubbju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu”.*

Illi kif inghad fis-sentenza **“Al Chahid vs Mary Spiteri”** (P.A. (RCP) 5 ta’ Gunju 2002) *inoltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbili.

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja. Vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn.

Illi kif gja' gie indikat f'din is-sentenza l-kuncett ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta` gudizzju fuq il-hajja mizzewga gie mfisser f'diversi sentenzi tal-Qrati fosthom fis-sentenzi **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** tal-14 t'Awissu 1995 u kif ukoll fis-sentenza **"Sandro Sciberras vs Janette Briffa gia' Sciberras"** tas-16 ta' Jannar 1998 (P.A. VDG). F'din l-ahhar sentenza jinghad:-

*"It seems that discretion of judgement can be lacking if any one of the following three conditions or hypotheses is verified (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; (3) or finally when either contracting party is deprived from internal freedom that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within".*

Illi fis-sentenzi **"Isabelle Attard vs Stephen Attard"** deciza fil-21 ta' Novembru 1995 u **"Samuela Lea Pavia vs John Pavia"** (Prim' Awla Qorti Civili) deciza fl-20 ta' Mejju 1996, jinghad in effetti illi sabiex ikun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-

inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku / psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti u li jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.

**(ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Ili ghall-finijiet ta` din il-kawza u wara li l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha hi tal-fehma li ghandha tikkoncentra fuq dak li jipprovdi l-**artikolu 19 (1) (d) Kap 255**, u cjoe' meta l-kunsens ta` xi wahda mill-partijiet ikun ivvizjat b`difett serju ta` diskrezzjoni ta` gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha.

Illi f'din il-kawza jirrizulta illi fil-kors tar-relazzjoni tal-kontendenti kemm qabel iz-zwieg civili taghhom fir-Registru Pubbliku kif ukoll wara dan iz-zwieg, certi ncidenti relatati ma' problemi min-naha tal-familja tal-mara u l-istess atteggjamenti tal-mara u missierha kienu qeghdin jikkrejaw konflitt intern fl-attur Roderick Muscat. Dan il-konflitt intern baqa' jipperdura sal-mument taz-zwieg u anke wara. Ghalkemm konxjament kien jirrealizza illi l-problemi tal-membri tal-familja taghha ma kellhomx jirreflettu fuq il-konvenuta subkonxjament kien beda jinkwieta. L-attur pero' jammetti ukoll illi kien irrisponsabbli meta huwa zzewweg lill-imsemmija Alisa Stevanovic stante relazzjoni li kellu ma' terza persuna.

Illi fl-affidavit tieghu a fol. 89 tal-process l-attur Roderick Muscat jghid:

*"Nistqarr ukoll illi jiena ma ridtx nizzewweg u kemm-il darba ppruvajt nitlaq lil Alisa. Jiena ma kontx inhobbha u lanqas hi ma kienetx thobbni. Lili kienet tarani biss bhala sors ta` dhul ta` flus, ma kienetx tirrispettani, ma kienetx taghti kasi, kienet interessata f'dak li kienet se tiggwadanja biss. Ipprovajt nitlaq lil Alisa kemm-il darba izda din kienet theddidni illi jekk nitlaqha kienet ser twegga' lilha nnfisha, inkella kienet tghidli li kienet ser tkellem lil missierha.*

*Lill-familja tieghi ppruvajt ma nurihomx bil-problemi li kelli mal-mara u mal-familja taghha. Nghid illi missieri ahna u sejrin ir-Registru Pubbliku pprova jkellimni u jikkonvincini biex ma nizzewgux izda kont wisq imbezza'. Ma stajtx nghidlu illi missierha kien heddidni li kien ser jivvendika ruhu minnhom jekk ma nkomplix ma' bintu u lanqas li marti kienet stqarret mieghi illi kienet ser twegga' lilha nfisha jekk nitlaqha".*

Illi a fol. 91 fit-tieni paragrafu jkompli jghid:

*"Kienet ghamlet habta tinzel l-ufficcju titlobni xi haga generalment flus ghaliha jew ghall-familja taghha. Meta kont nghidilha li ma kellix flus din kienet taghmilli xenata quddiem l-impjegati u l-klijenti. Wara xenata bhal din gieli hassni hazin u kelli nittiehed l-Isptar".*

Illi jidher illi dawn l-incidenti hallew effett permanenti fuq l-attur u dan il-konflitt intern serju baqa' ghaddej sal-mument taz-zwieg u anke wara:

Illi l-istess attur jirrakkonta ncidenti a fol. 89 tal-process fit-tielet paragrafu:

*"Anke missierha talabni ghall-flus. Ghall-ewwel kien beda jitlobni ftit liri mbaghad l-ammont beda jikber. Jiena kont naf li kellu diversi problemi u li kien jixrob u jilghab il-flus. Meta l-ammonti bdew jikbru u sirt naf li ssellef xi flus minghand missieri ddecidejt li ma kontx ser insellfu izjed flus. L-ewwel darba li ghidtlu heddidni li Alisa kienet ser tbaghti u mhux hu u ghalhekk iddecidejt li ntieh il-flus li kien talabni. Naf li sellift lill-missier Alisa fuq tliet elef lira li qatt ma hadt lura. Naf li meta kont infakkru fihom kien jheddidni jew b'Alisa jew bil-familja tieghi".*

Illi oht l-attur u cjoe' **Olivia Muscat** a fol. 92 tikkorrobora fix-xhieda taghha meta tghid:-

*"Meta Roderick beda johrog ma' Alisa jiena ndunajt illi beda jinbidel. Ahna konna norqdu fl-istess kamra u ghalhekk kont ninduna meta jaghmel ljieli mqajjem ma jistax jorqod, il-hin kollu jqum u jerga' jidhol fis-sodda*

*kienet iccempillu kull hames minuti u konna naghmlu lejl imqajmin minhabba t-telefon".*

A fol. 88 l-attur ikompli jghid fis-seba paragrafu:

*"Minhabba li Alisa ma kenitx Maltija kellha bzonn permess biex toqghod hawn. Xi kultant kien ikollna problema biex ingeddu l-permess biex toqghod Malta minhabba li l-Pulizija kienu jistaqsuha kellhiex mezzi bizzejjed biex tghix. Meta kien jigri dan kienet tghidli li dawn il-problemi jispiccaw meta nizzewgu. Jiena ghall-ewwel ma tajtx kaz ta' din l-istqarrija izda izjed ma kien jghaddi z-zmien izjed bdejt nirrealizza illi kienet qed tghidli bis-serjeta u li kienet qed tipproponili biex nizzewgu".*

Illi a fol. 94 tal-process fl-affidavit ta` **Etienne Cini** fit-tielet paragrafu dan jghid:

*"Xi zmien wara li zzewweg Roderick mort l-ufficcju tieghu u sibt lil Alisa fuq il-mejda tieghu. Qaltli li kienet saret is-segretarja tal-kumpanija tieghu u wara ftit sirt naf li l-familja taghha kienu saru mpjegati ta' Roderick. Qalli li ma kellux alternattiva u li bilfors kellu jimpjega lil Alisa u lill-familja taghha".*

Illi a fol. 287 **Roderick Muscat** f'punt wiehed jghid:

*"But I thought that if I give her what she wanted, maybe take her away from her family's environment, I would maybe help her go out of her frenzied attitudes".*

Illi f'punt iehor a fol. 294 fl-ewwel paragrafu jghid:-

*"As I stated in my evidence I did not love Alisa Stevanovic".*

A fol. 295 jghid ukoll:

*"I did not show her the whole picture. So I decieved her".*

Illi f'dan l-istadju jkun opportun illi jigu ezaminati c-cirkostanzi taz-zwieg civili ta' Roderick Muscat ma' Alisa

Stevanovic kif ukoll ir-relazzjoni ta’ Roderick Muscat ma’ terza persuna.

Illi ma jistax ma jigix rilevat li dan iz-zwieg gie celebrat bir-rit civili pero’ l-kontendenti riedu illi l-quddiem iz-zwieg ikun celebrat quddiem l-awtoritajiet tal-Knisja. Ghal dan il-ghan Alisa Stevanovic biddlet ir-religjon taghha u saret Kattolika.

Fix-xhieda ta’ Azra Stevanovic u cjoe’ omm Alisa Stevanovic din tghid a fol. 217 tal-process ;

*“After they got married Alisa and Roderick were all the time sleeping at Roderick’s parents”.*

A fol. 218 fil-paragrafu 25 hija tghid:

*“Although Alisa and Roderick slept the nights at his parents Alisa used to come every day to our home so as to change her clothes and wash herself since she could not do this freely at his parents. I knew that Alisa and Roderick did not have privacy as they should have had as a newly married couple”.*

Illi fl-affidavit ta’ **Maria Annunziata** maghrufa bhala Alice Saliba u li missier Alisa kien habib tal-partner taghha, din tispjega c-cerimonja jew okkazjoni li sehhet ghall-habta tal-Milied meta fil-fatt Alisa qalbet ir-religjon u saret Kattolika. (fol. 118 tal-process fir-raba’ paragrafu).

Illi fiz-zmien meta waslu ghaz-zwieg civili fir-Registru fit-23 ta’ Marzu 1997 u kif wkoll wara u cjoe’ fiz-zmien sa meta kellhom jizzewgu bil-Knisja u cjoe’ fit-23 ta` Gunju 2000 bdiet tirrizulta n-nuqqas ta’ responsabbilta’ da parti tal-konvenut.

A fol. 316 tal-process **Alisa Stevanovic** fit-tieni paragrafu tghid:

*“This was the time when we had our civil marriage. The civil marriage took place on the 23rd March 1997. In February 2000 and that is three years afterwards, the*

*problems started because he had another woman in his life whom I know personally. She was our employee and her name is Claudia Falzon. It started in February. We were supposed to get married on the 23$^{rd}$ June 2000 in church. One month before the wedding in the church, he told me that he did not want kids and that he was leaving me for this other woman".*

Illi a fol. 319 fir-raba paragrafu tghid:

*"This man has made fun of me with this other woman, they were going around my house with the car, were really making it hard for me, when I was working at the Company".*

Illi f'dan ir-rigward l-imsemmija Alisa Stevanovic hija korroborata mix-xhieda ta' Smail Dedic (fil-pagna 6 u 7 tal-affidavit tieghu a fol. 129 u 130 tal-process) kif ukoll mix-xhieda ta' missierha a fol. 145 para 31 tal-affidavit tieghu u ohtha Zorica Stevanovic (pagna 10 tal-affidavit taghha a fol. 189 tal-process).

Illi minn dawn il-provi jirrizulta li l-attur f`din il-kawza kien imhawwad sew dwar ir-relazzjoni tieghu mal-konvenut u qabel iz-zwieg kellu dubbji kbar fuq ir-relazzjoni tieghu mal-konvenuta, jidher li hafna drabi kien juri mod meta in verita' kien qed ihossu mod iehor, u l-incidenti kollha li huwa rrakonta jikkonfermaw li l-istess attur ma kienx qed ihossu liberu li jiddeciedi, izda *stante* li kien ghamel certu passi u decizjonijiet fil-konfront tal-konvenuta u l-familjari taghha, u hass li f'dak il-punt taz-zwieg huwa ma setghax jahrab minnhom, ghalkemm f'dak il-mument kien cert li in verita' ma riedx din l-ghaqda dejjiema mal-konvenuta, u dan ikkoferma anke bl-agir tieghu wara z-zwieg, fejn huwa kellhu relazzjoni ma terza persuna, li waslet ukoll sabiex jaghmel din il-kawza.

Illi fil-fatt *da parte* tal-attur din il-Qorti ma thoss li huwa ma kellhux id-diskrezzjoni necessarja sabiex huwa jaghti l-kunsens tieghu ghal dan iz-zwieg veru u proprju, u in verita' huwa ceda ghall-insistenza tal-konvenuta biex jizzewgu, f'mument konfuz tal-hajja tieghu, u dan iwassal

lill din il-Qorti sabiex tikkonkudi li hemm bazi ta' annullament taz-zwieg skond id-dispozizzjoni tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** u dan imputabbli lill-attur li ma kellux id-diskrezzjoni necessarja ta' gudizzju sabiex jiddeciedi fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali u ma kellux idea serja dwar l-oggettivi li jimporta z-zwieg. L-imsemmija Alisa Stevanovic spinta wkoll mill-ambjent familjari li tghix fih u l-istess problemi tal-familja taghha u min-naha l-ohra dan il-konflitt intern fl-istess Roderick Muscat li ried ihassar kemm-il darba bil-pariri tal-istess familjari tieghu f'dan ir-rigward u fl-istess hin ma jixtieqx jurihom bil-problemi tieghu. Dan kollu juri dik in-nuqqas ta' liberta minn impulsi nterni fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali. Din kienet fi grad tali li r-rabta taz-zwieg ghandha tigi dikjarata nulla minhabba difett serju ta` diskrezzjoni ta' gudizzju. Illi dan apparti li l-istess attur wera nuqqas ta' responsabbilta' u nfedelta' bir-relazzjoni tieghu ma' terza persuna Claudia Falzon.

Illi dwar il-**kontro-talba tal-konvenuta** din il-Qorti thoss li hija ghal kollox frivola kwazi fit-talbiet kollha hemm indikati li in verita' la ghandhom ebda fondament fattwali u huma hafna minnhom gudizzjarment inspjegabbli; l-unika talbiet relevanti, li ghalihom lanqas kien hemm bzonn li ssir kontro-talba hija fejn l-istess konvenuta opponiet ghall-istess annullament u fejn sostniet li jekk hemm bazi ta' annullament din kienet imputabbli lill-attur, izda dan kollu gie sormontat bid-decizjoni fic-citazzjoni attrici.

## III. KONKLUZJONI.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut fejn l-istess huma nkompattibli ma' dak hawn deciz, u **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta fit-23 ta' Marzu 1997 huwa null u bla effett *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur.

Illi l-ispejjez kollha tac-citazzjoni attrici ghandhom jithallsu mill-attur.

Illi fir-rigward tal-**kontro-talba tal-konvenuta,** din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-attur biss in kwantu l-istess huma kompatibbli ma' din id-decizjoni, u **tichad it-talbiet tal-konvenuta fil-kontro-talba enumerati (i) (ii) (iii) (iv) (v) (vi) (vii) (viii) (ix) (x) (xi) (xii) (xiii) (xiv) (xv) (xvi) u (xviii) *stante* li huma talbiet insostenibbli u inutili u frivoli u tilqa' biss it-talba numru (xvii) kif di piu' gja' indikat f'din id-decizjoni fuq ic-citazzjoni attrici,** b'dan illi:-

(xvii) Tikkonferma li z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta fit-23 ta' Marzu 1997 huwa null u bla effett *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur.

Illi pero' l-ispejjez kollha tal-kontro-talba ghandhom jibqghu a karigu tal-istess konvenuta, *stante* li tali kontro-talba saret inutiliment u l-maggoranza kbira tat-talbiet hemm kontenuti huma wkoll legalment u guridikament insostenibbli u abbuz tal-proceduri tal-Qorti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------